**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 280/2015AM
Numru fuq il-Lista: 11

**GO p.l.c – C22334**
**Triq Fra Diegu, Marsa, MRS 1501**

**Vs**

**Attard Svetlana Ivanovna (ID 428708L)**
**Ocean Heights, Flat 9A,**
**Triq Piscopo Macedonia,**
**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-16 t' April, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet l-hlas ta' tlett mija u tmienja u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€348.73c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40169725 moghtija mis-Socjeta` attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 - estratt mir-Registru

Elettorali u Dok IZY4 – kopja t' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12; li l-konvenuta gie interpellat sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din l-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li permezz tieghu xehdet li tali ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta` attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' l-hlas ta' talbet l-hlas ta' tlett mija u tmienja u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€348.73c) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**